**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 692/2015 AF**

**Design Solutions Limited (C-16245)**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti**

**u**

**Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Tekonologija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi ta' Design Solutions Limited maħluf mill-Professur Alex Torpiano li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz tar-rikors tal-appell numru 32/2011 fl-ismijiet '*Design Solutions Limited v. Direttur tal-Kuntratti u Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija*' is-socjetà esponenti talbet li l-Onorabbli Qorti tal-Appell thassar u tirrevoka s-sentenza datata 22 ta' Awwissu, 2011 moghtija mill-Bord tal-Appell dwar Kuntratti

Pubblici u dana billi taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew taghti dawk il-provvedimenti u/jew ordnijiet ossija rimedji kollha mehtiega u necessarji skont il-kaz inkluz billi tannulla l-process kollu tas-sejha ghall-offerti ossija 'tender' rigwardanti '*Services Tender for Architectural Works, including Design & Supervision for the National Interactive Science Centre, Malta.*' Dana ghar-ragunijiet kollha hemmhekk moghtija.

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet premessi datata 29 ta' Novembru, 2012 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet it-talba surreferita u dana billi laqghet l-appell tas-socjetà esponenti, hassret u rrevokat id-decizjoni tal-Bord surreferit '*Case No. 316 CT/3098/2010 – Adv. CT/028/2011 – Services Tender for Architectural Works, including Design & Supervision for the National Interactive Science Centre, Malta*', annullat il-proces kollu tas-sejha tal-offerti ossija t-'tender' surreferit u wkoll dak kollu li sar b'konsegwenza tal-istess inkluz l-ittra ta' rakkomandazzjoni datat 30 ta' Gunju, 2011 u ordnat li tali sejha ghall-offerti terga ssir mill-gdid u wkoll ir-rifuzjoni 'in toto' tad-depozitu maghmul mis-socjetà esponenti a tenur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (kopja tad-decizjoni hawn annessa u mmarkata Dok. 'A') u dana ghar-ragunijiet kollha hemmhekk moghtija fosthom wara li ddeterminat li s-sejha ghall-offerti kienet milquta minn zball serju konsistenti minn allegata kjarifika fil-mori li effettivament kienet tikkostitwixxi kwezit u element gdid li ma kienx parti mid-Dokument originarjament mahrug u li b'hekk biddel fil-mori il-kundizzjonijiet u l-elementi tal-offerta originali mahruga.

L-intimati odjerni ressqu talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza surreferita liema talba giet deciza finalment permezz tas-sentenza moghtija wkoll fl-istess ismijiet surreferiti datata 29 ta' April 2015 fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess intimati u dana billi sabet li t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-gudikat surreferit kienet insostenibbli (kopja tad-decizjoni hawn annessa u mmarkata Dok. 'B').

Kontestwalment ma' tali ritrattazzjoni l-intimati kienu talbu wkoll is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza surreferita datata 20 ta' Novembru, 2012 u l-Onorabbli Qorti tal-Appell

kienet akkordat tali talba bil-garanziji kollha skont il-ligi permezz tad-digriet taghha datat 30 ta’ Jannar, 2013.

Ghaldaqstant l-intimat komplew billi mhux biss ma annullawx is-sejha ghall-offerti surreferita u hargu sejha ghall-offerti gdida imma, aghar minn hekk, irrendew ruhhom fl-impossibilità li jadempixxu mal-obbligi taghhom ai fini tal-ezekuzzjoni tas-sentenzi surreferiti b'tali mod li llum il-gurnata s-sentenzi surreferiti ma jistghux jigu esegwiti minn naha tal-istess intimati stante li l-kuntratt mertu tas-sejha surreferita gie fil-fatt pjenament esegwit minn terzi.

In vista ta’ dan is-socjetà esponenti giet li sofriet pregudizzju, inkluz pregudizzju finanzjarju, tenut kont li ma jistghux issa jikkompetu fil-hrug ta' tali sejha ghall-offerti gdida u dana bhala konsegwenza esklussiva tal-agir tal-intimati li ghaldaqstant gew li rrendew ruhhom responsabbli fil-konfront tal-esponenti ghad-danni kollha sofferti minnhom derivanti wkoll mill-fatt illi, kif jirrizulta car mid-decizjonijiet surreferiti l-istess intimati jew minnhom naqsu milli jmexxu s-sejha ghall-offerti in linea mal-ligi u b’hekk wasslu sabiex l-offerta tas-socjetà esponenti ma tigix maghzula, li l-offerta tal-istess socjetà esponenti kienet certament tigi kkunsidrata favorevolment u tigi accettata bhala dik l-aktar idoneja tenut kont tal-kweziti relattivi kieku s-sejha ghall-offerta saret kif suppost u wkoll kieku kien possibbli li s-sejha ghall-offerti ssir mill-gdid.

Debitament interpellati permezz ta’ ittra ufficjali debitament notifikata lill-intimati fit-28 ta’ Mejju, 2015 l-istess intimati baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li ghar-ragunijiet fuq esposti l-intimati jew min minnhom ghandhom jinsabu responsabbli fil-konfront tas-socjetà esponenti ghad-danni kollha sofferti minnhom bhala konsegwenza tan-nuqqas tal-istess intimati jew minnhom li jmexxu s-sejha ghall-offerti in linea mal-ligi u wkoll bhala konsegwenza tal-fatt illi l-intimati rrendew lilhom infushom fl-impossibilità li

jesegwixxu s-sentenzi surreferiti '*in toto*' u kif ukoll in vista tan-nuqqasijiet taghhom li wasslu sabiex l-offerta tas-socjetà esponenti ma tigix maghzula;

2. Tillikwida l-kumpens dovut mill-istess intimati jew min minnhom referibilment ghall-valur tal-kuntratt relattiv ghas-sejha ghall-offerti, okkorrendi bil-ghajnuna ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tal-Kuntratti maħlufa minn Anthony Cachia li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok l-azzjoni għad-danni mitluba mill-kumpannija rikorrenti tinsab preskritta skont l-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Il-kuntratt marbut mad-disinn u s-superviżjoni tax-xogħlijiet fin-*National Interactive Science Centre* ilu li ġie ffirmat u beda sa mid-29 ta' Settembru 2011. Għalhekk jekk il-kumpannija rikorrenti ħasset li kienet qed issofri xi danni minħabba dan il-proġett allura ma kien hemm l-ebda impediment legali li kien iżommha biex tiftaħ azzjoni għad-danni jew għallinqas milli tikkawtela l-jedd tal-azzjoni tar-riżarċiment tad-danni fi żmien sentejn. Il-proċeduri ta' ritrattazzjoni mitluba mill-intimati ma kinux ixekkluha milli tressaq jew tippreżerva l-azzjoni għad-danni. Għalhekk fin-nuqqas tagħha li taġixxi tempestivament l-azzjoni tagħha għandha tiġi dikjarata bħala waħda preskritta għall-għanijiet kollha tal-liġi.

Bla ħsara għall-premess l-intimati ma mxewx ħażin talli komplew bil-kuntratt pendenti l-proċeduri tal-appell, dan għaliex ir-**regolament 85(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja** kif applikabbli dak iż-żmien kien jiddisponi li r-riferiment quddiem il-Qorti tal-Appell m'għandux iżomm lid-Direttur tal-

Kuntratti jew lill-Kap tal-awtorità kontraenti milli jimplimenta d-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi. B'hekk jekk il-kumpannija rikorrenti riedet li żżomm lill-intimati milli jissoktaw bil-proġett hja dejjem setgħet titlob li jinħareġ favur tagħha mandat ta' inibizzjoni – rimedju ġieli mogħti mill-Qrati tagħna f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Dejjem mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2012, l-intimati ma kellhom l-ebda obbligu bil-liġi li joħorġu sejħa ġdida minkejja li fis-sentenza inkwistjoni l-Qorti tal-Appell iddikjarat null il-proċess kollu marbut mas-sejħa għall-offerti. Bid-dovut rispett, l-Onorabbli Qorti tal-Appell lanqas ma kellha l-*vires* legali li tordna lill-Gvern joħroġ sejħa ġdida. Din id-deċiżjoni hija waħda li taqa' fil-kappa amministrattiva u għalhekk hija riżervata għad-diskrezzjoni tal-Gvern. Filwaqt li l-Qorti tal-Appell kellha kull jedd li tistħarreġ jekk id-deċiżjoni tal-intimati li jiskwalifikaw lill-kumpannija rikorrenti kienitx siewja jew le, kif ukoll li tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet tas-sejħa kienux xierqa jew le, madankollu hija ma kellha l-ebda setgħa li tordna li terġa' tinħareġ sejħa ġdida. Din hija xi ħaġa li tiddependi esklussivament mir-rieda tal-Gvern. Għalhekk il-kumpannija rikorrenti tippretendi ħażin li l-intimati kellhom bilfors joħorġu sejħa ġdida.

F'kull każ il-Qorti tal-Appell qatt ma ordnat li xi kuntratt pubbliku kellu jingħata lill-kumpannija rikorrenti u għalhekk l-intimati ma jarawx x'danni setgħet soffriet il-kumpannija rikorrenti ladarba hija ma kellha l-ebda kuntratt f'idejha.

Anke kieku stess ħarġet sejħa ġdida l-kumpannija rikorrenti ma kienet tgawdi minn ebda ċertezza li hija kienet sejra tieħu l-kuntratt pubbliku għaliex il-kompetizzjoni f'dawn it-tip ta' kuntratti hija missielta.

Għal dak li jiswa setgħu jiġu inklużi rekwiżiti ġodda fis-sejħa l-ġdida li ma kienitx tagħmel lill-kumpannija rikorrenti eliġibbli għall-kuntratt. Biżżejjed jingħad li meta fis-sejħa oriġinali l-intimati imponew limitu fuq is-subappaltar, il-kumpannija rikorrenti ġiet ineliġibbli.

Mhux hekk biss, fis-sejħa pubblika l-ġdida setgħu jinbidlu l-parametri tal-proġett jew anke l-ammont ta' nefqa stmata, b'dana li l-proġett ma jibqax iktar iħajjar lill-kumpannija rikorrenti u b'hekk lanqas biss tipparteċipa għalih. Dan kollu għalhekk juri kemm il-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti għad-danni hija waħda ipotetika u spekulattiva.

Kif huwa sew magħruf fil-qasam tar-riżarċiment tad-danni l-kumpannija rikorrenti trid tipprova rabta ta' kawżalità bejn l-aġir tal-intimati u d-danni sofferti. F'dan il-każ il-kumpannija rikorrenti ma tistax tipprova li ġarrbet danni materjali u konkreti għaliex hija ma tistax turi li kieku ħarġet sejħa ġdida hija kienet ħa tirbaħ il-kuntratt.

Dejjem mingħajr ebda ħsara għal dak fuq imsemmi, l-intimati ma jistgħux jirrispondu għad-danni għaliex fl-għemil tagħhom huma dejjem aġixxew in buona fede. Ma hemmx dubbju li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda rapport kuntrattwali bejn il-partijiet kontendenti. Kulma kien hemm huwa offerta min-naħa tal-kumpannija rikorrenti biex tikseb kuntratt pubbliku. Issa kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna sabiex wieħed jista' jitlob danni imnissla minn responsabbiltà prekuntrattwali, dak li jkun irid jipprova li l-aġir ta' min waqqaf it-trattativi kien immexxi minn *dolo*. F'dan il-każ ħadd mill-intimati ma kellu dan il-ħsieb doluż meta skwalifikaw lill-kumpannija rikorrenti mill-kompetizzjoni pubblika. Għalhekk fl-assenza tad-*dolo* ebda danni ma huma dovuti.

F'kull każ fl-istadju prekuntrattwali skont il-ġurisprudenza Maltija, il-kumpannija rikorrenti tista' titlob biss li titħallas għat-telf attwali u mhux ukoll kumpens minħabba telf ta' qliegħ. Għalhekk hija ma tistax tippretendi li tiġi mħallsa kumpens fuq il-valur tal-kuntratt relattiv għas-sejħa għall-offerti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpannija rikorrenti inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija maħlufa minn Karl Azzopardi li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari jigi umilment sottomess illi l-azzjoni attrici, in kwantu promossa bhala azzjoni ghad-danni, ghandha tirrizulta li hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad in kwantu l-kuntratt ghas-*Services Tender for Architectural Works, including design and supervision for the National Interactive Sceince Centre*, li ma l-iffirmar tieghu inghalaq il-process ta' tmexxija tas-sejha ghall-offerti u tal-ghazla tal-kuntrattur iehor li mhux is-socjetà attrici (cioè dawk l-avvenimenti identifikati fl-ewwel talba attrici), gie ffirmat fid-29 ta' Settembru 2011 u ghalhekk oltre sentejn qabel ma s-socjetà attrici pprezentat l-ittra ufficcjali taghha fil-25 ta' Mejju 2015.

Minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-eccipjenti fl-azzjonijiet minnhom interposti fil-kors tal-proceduri ta' appell mid-decizjoni tal-ghotja tal-kuntratt *de quo*, mxew mar-regolament 85(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04 li kien jipprovdi testwalment:

> *"Dak ir-riferiment [cioè ghal Qorti tal-Appell mid-decizjoni finali tal-Bord ta' Revizjoni] m'ghandux madankollu jzomm lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta' awtorità kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord tar-Revizjoni."*

Oltre dan, kontestwalment mal-prezentata tar-Rikors ta' Ritrattazzjoni in segwitu ghas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2012, gie pprezentat ukoll rikors sabiex l-esekuzzjoni tal-istess sentenza tigi sospiza, liema rikors gie accettat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Huwa abbazi ta' dan id-Digriet tal-Qorti li l-esponenti, ukoll skond id-dispost tar-Regolament citat fil-paragrafu precedenti u wkoll u senjatament fid-dawl tal-importanza nazzjonali tal-progett *de quo* u taz-zamma tal-programm ta' zvilupp tal-istess, komplew bl-esekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni liema kuntratt gie ikkompletat fil-mori tal-proceduri gudizzjarji *de quo*. Ghalhekk ma huwiex minnu illi l-esponenti rrendew ruhhom f'impossibilità li jimxu mas-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell,

u dan in vista tal-fatt illi l-esponenti mxew kemm mar-regolament 85(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04 kif ukoll mad-Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti li ssospendiet l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghal premess, fid-dawl ta' dak espost fil-paragrafu precedenti, ghal fatti *de quo* huwa applikabbli u ghalhekk josta ghat-tabliet attrici kif proposti, id-dispost tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment:

> *"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dan l-uzu."*

Minghajr pregudizzju ghal premess, jigi umilment senjalat illi fid-decizjoni taghha in materia, l-Qorti tal-Appell ordnat li s-sejha ghal offerti ghandha terga tinhareg, u fl-ebda mument ma ordnat illi l-kuntratt jinghata lis-socjetà attrici. Dan konstatat, anke kieku l-kuntratt kellu jerga jinhareg, s-socjetà attrici ma ghandha ebda garanzija li dan il-kuntratt se jinghata lilha. Minkejja dan, l-azzjoni attrici tidher illi hija bazata fuq il-prezunzjoni illi hrug mill-gdid tas-sejha ghall-offerti kienet twassal awtomatikament illi l-kuntratt jinghata lilha. Din hija prezunzjoni li qeghda taghmel is-socjetà attrici minghajr ebda bazi jew fundament legali jew guridiku u ghalhekk ukoll, talbiet ghal kwalsiasi danni maghmula necessarjament in konsegwenza ta' tali prezunzjoni, huma bir-rispett improponibbli fl-ordinament guridiku taghna u fl-insenjamenti gurisprudenzjali relattivi ghal dawk li huma danni u anness guridiku dirett bejn ic-cirkostanza identifiakta u d-danni reklamati.

Ulterjorment, u wkoll minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti dejjem agixxiet in buona fede fl-aspetti kollha tas-sejha ghall-offerti *de quo* u dan inkluz ukoll, izda certament mhux limitat biss, ghal mument tal-ghazla tal-kuntrattur u tal-iskwalifika tas-socjetà attrici, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2017 l-intimati rrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi l-intimati huma responsabbli għad-danni li tgħid li sofriet minħabba li ġiet skwalifikata minn seħja għall-offerti mingħajr raġuni tajba, kif ukoll minħabba li minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li annullat is-sejħa għall-offerti u ordnat li din għandha toħroġ mill-ġdid, l-intimati xorta waħda pproċedew billi ffirmaw ma' terzi l-kuntratt mertu tas-sejħa għall-offerti, liema kuntratt ġie pjenament esegwit. Is-soċjetà attriċi qegħda għalhekk titlob kumpens għall-valur tal-kuntratt illi tgħid li tilfet.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fit-8 ta' Frar 2011 ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti '*Services Tender for Architectural Works, Including Design and Supervision for the National Interactive Science Centre, Malta*' li fih ipparteċipat is-soċjetà attriċi. Kull min kien interessat kellu sal-5 ta' April 2011 sabiex jissottometti l-offerta tiegħu. Fost il-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa għall-offerti kien hemm klawsoli li jirregolaw is-subappalt. Fil-fatt il-formola appożita kienet titlob lill-offerenti prospettivi sabiex jiddikjaraw jekk kienux ser jiddelegaw ix-xogħol, f'liema każ kellhom jindikaw il-valur tax-xogħol illi kienu ser jiddelegaw. Kien hemm miktub ukoll hekk:

> "*The maximum amount of sub-contracting must not exceed [.....%] of the total contract value. The main contractor must have the ability to carry out at least [.....%] of the contract works by his own means.*"

Jidher li bi żvista, meta ġiet ippublikata s-sejħa għall-offerti, il-massima percentwali li kien permess bħala sub-appalt ma tnižżilx. Għalhekk, u wara li offerenti prospettivi talbu diversi kjarifiki, fosthom dwar jekk huwiex permess sub-appalt, fit-22 ta' Marzu 2011, id-Direttur intimat ippublika *clarification note* li fiha kien hemm miġbura r-risposti għall-mistoqsijiet kollha li saru mill-offerenti prospettivi. It-tweġiba għad-domanda dwar l-ammont massimu ta' delegazzjoni tax-xogħol kienet tgħid hekk: *'The maximum amount of subcontracting must not exceed 35% of the total contract value.'* Din il-*clarification note* ġiet ippubblikata fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Kuntratti u ntbagħet ukoll lill-offerenti prospettivi, inkluż lis-soċjetà attriċi.

Fit-30 ta' Ġunju 2011 is-soċjetà attriċi ġiet infurmata li l-offerta tagħha ġiet skwalifikata minħabba li kienet taqbeż il-limitu ta' 35% permess bħala sub-appalt. Fl-istess ittra, l-attriċi ngħatat l-isem tal-offerent li kien rebaħ il-kuntratt, kif ukoll il-prezz li offra, li kien għola minn dak li offriet l-attriċi. L-attriċi ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant, appellat minnha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Dan l-appell ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni datata 22 ta' Awwissu 2011.

Peress illi l-attriċi ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Bord, hija rreferit il-kwistjoni lill-Qorti tal-Appell. Fir-rikors tal-appell tagħha hija talbet lill-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-22 ta' Awwissu 2011 u dan billi tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew tagħti dawk il-provvedimenti u/jew ordnijiet ossia rimedji kollha meħtieġa u neċessarji skont il-każ, inkluż billi tannulla l-proċess kollu tas-sejħa għall-offerti in kwistjoni u tordna li dan jerġa jsir mill-ġdid, billi tordna li l-kuntratt għandu jingħata lilha jew billi tillikwida favuriha d-danni u tordna r-refużjoni 'in toto' jew 'in parte' tad-depożitu magħmul minnha.

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, speċifikament ir-Regolament 85(5), li kienet il-liġi viġenti dak iż-żmien, appell imressaq quddiem il-Qorti tal-Appell ma kienx awtomatikament iżomm lill-intimati milli jiffirmaw il-kuntratt mal-offerent magħżul.

Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tas-soċjetà attriċi u konsegwentement ħassret u rrevokat id-deċiżjoni tal-imsemmi Bord, annullat il-proċess kollu tas-sejħa għall-offerti u ordnat illi din is-sejħa toħroġ mill-ġdid kif ukoll ordnat ir-rifużjoni 'in toto' tad-depożitu magħmul mis-soċjetà attriċi. Dan peress illi l-Qorti tal-Appell sabet li riferibbilment għal dik il-parti tal-*clarification note* li speċifikat il-limitu ta' sub-appalt permess,

> *"F'dan il-kaz partikolari dak li gara ma kienx li saret kjarifika ta' dak li kien rikjest fis-sejha tal-offerti, izda gara li dan zied kwezit gdid fl-istess Tender Document."*

L-intimati ressqu talba għal ritrattazzjoni. Kontestwalment, ippreżentaw rikors fejn talbu lill-Qorti tal-Appell tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2012 sakemm tiġi deċiża finalment it-talba tagħhom għal ritrattazzjoni. Il-Qorti tal-Appell akkordat din it-talba permezz ta' digriet datat 30 ta' Jannar 2013 '*b'garanziji kollha li trid il-liġi fuq garanzija personali ta' tlett elef Ewro (€3,000)*'. It-talba għal ritrattazzjoni ġiet miċħuda permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 29 ta' April 2015.

Sadanittant, l-intimat Kunsill Malti għax-xjenza u t-teknoloġija kien laħaq iffirma l-kuntratt mal-offerent li ntgħażel wara s-sejħa għall-offerti in kwistjoni u sakemm ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar ir-ritrattazzjoni, il-kuntratt laħaq ġie pjenament esegwit.

In kwantu li l-intimati rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom dwar il-preskrizzjoni, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Dwar il-mertu, l-intimati ressqu diversi eċċezzjonijiet. Il-Qorti tqis illi huwa xieraq li l-ewwelnett tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar in-natura tar-relazzjoni bejn l-attriċi u l-intimati. Id-Direttur intimat jikkontendi li din hija waħda pre-kuntrattwali.

Il-każ fl-ismijiet Avukat Peter Fenech noe vs Dipartmiment tal-Kuntratti, deċiż mill-Qorti tal-Appel fid-29 ta' April 2016, jixxiebah mal-każ tal-lum. Is-soċjetà attriċi f'dak il-każ ġiet

skwalifikata inġustament minn sejħa għall-offerti u minkejja li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta li ordnat li hija għandha terġa titqiegħed fil-proċess tal-għażla daqs li kieku qatt ma ġiet skwalifikata, id-Dipartiment intimat kien laħaq baqa' għaddej bil-proċess tal-għażla u sakemm il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell ġew fi tmiemhom, laħaq ġie iffirmmat il-kuntratt in kwistjoni ma' appaltatur ieħor. L-attriċi għalhekk ressqet talba għad-danni f'azzjoni separata. F'din il-kawża għad-danni, il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar ir-relazzjoni bejn il-partijiet:

> "*Kif osservat din il-qorti (sede kummerċjali) fis- sentenza tas-26 ta' Novembru 1971 fl-ismijiet* <u>*Pullen*</u> <u>*pro et noe v. Matysik*</u> *ċitata mill-ewwel qorti, meta partijiet jidħlu fi trattativi bil-ħsieb li jintrabtu b'kuntratt bejniethom, ġà f'dak il-waqt jinħoloq kuntratt: mhux il-kuntratt li bil-ħsieb tiegħu jkunu qegħdin jinnegozjaw iżda ftehim de ineundo contractu li bis-saħħa tiegħu l-partijiet jintrabtu, mhux illi jagħtu l-kunsens għall-kuntratt li dwaru jkunu qegħdin jittrattaw, iżda illi jinnegozjaw in bona fide u illi ma jirtirawx min-negozjati għal raġuni li ma tkunx tiswa fil-liġi jew li tkun in mala fide. Jekk parti tonqos minn dan l-obbligu imnissel mill-kuntratt – jew pre-kuntratt – de ineundo contractu, ikollha tagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti l-oħra.*
>
> *….*
>
> *hekk kif il-Konsorzju fuq stedina tad-Dipartiment għamel offerta, inħolqot relazzjoni kunsenswali – ftehim taċitu de ineundo contractu – bejn il-partijiet fis-sens illi l-offerta titqies kif imiss u ma tiġix imwarrba jekk mhux għal raġunijiet li jiswew fil-liġi. Ir-responsabilità ta' min jonqos li jħares il-kondizzjonijiet ta' dan il-patt taċitu hija r-responsabilità ta' min jonqos li jħares patt kuntrattwali, u għalhekk hija ex contractu.*
>
> *….*

*Qiegħed igħid sew id-Dipartiment illi d-disposizzjonijiet tal-liġi relativi għar-responsabilità ex delicto vel quasi ma jgħoddux għall-każ tallum. Madankollu, id-Dipartiment għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab il-Konsorzju, mhux għax naqas mill-obbligi tiegħu taħt l-art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili, iżda għax naqas mill- obbligazzjoni kuntrattwali tiegħu – imnissla, kif rajna, mill-patt taċitu de ineundo contractu li jirregola l-proċess pre-kuntrattwali – illi ma jwarrabx l-offerta tal-Konsorzju jekk mhux għal raġuni tajba li tiswa fil-liġi. Fil-każ speċifiku ta' sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku, raġuni tajba biex titwarrab offerta tista' tkun nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjonijiet tas-sejħa, kondizzjonijiet sfavorevoli fl-offerta jew offerta aktar vantaġġjuża ta' terzi. Gà ngħatat dikjarazzjoni ġudizzjarja, fis-sentenza li temmet il-kawża numru 972/2005, illi ma kienx hemm raġuni tajba u illi d-Dipartiment mexa ħażin meta warrab l-offerta tal-Konsorzju, għax warrabha għal raġuni li ma tiswiex fil-liġi. Dan in-nuqqas, waħdu, għax huwa ksur ta' patt kuntrattwali, inissel responsabilità mingħajr il-ħtieġa ta' dolus jew culpa proprji għal responsabilità ex delicto vel quasi li fittxet u ma sabitx l-ewwel qorti."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet I.T.C. Limited vs Avukat Ġenerali et, deċiża fit-12 ta' Lulju 2005, fejn il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"Il-hrug ta' sejha ghall-offerti hija invit lil persuni biex huma jaghmlu l-offerta taghhom. U ghalhekk fil-kamp kontrattwali hija t-tender ta' dik il-persuna li hija <u>l-ewwel pass</u> biex il-kunsens tal-partijiet jigi finalizzat. Fi kliem iehor, meta persuna tissottometti it-tender, hi tkun qed taghmel semplici offerta. Din l-offerta trid tigi accettata minn min ikun hareg is-sejha ghall-offerti, biex wiehed jkun jista' jitkellem fuq kuntratt. Konsegwentement, fil-kaz odjern certament ma jistax jinghad li ghax is-socjeta` appellanti tefghet l-offerta taghha, hija kellha xi dritt li tintghazel jew xi dritt li tinsisti li l-offerta taghha tigi milqugha. Fil-fatt is-sejha ghall-offerti kienet espressament tghid illi: "Government is not obliged to accept the lowest*

*or any other Tender submitted and is not obliged to give reasons for doing so." (Klawsola 4.11 tas-sejha ghall-offerti a fol. 25 tal-process).*

*Min-naha l-ohra, huwa veru wkoll li, kif tajjeb osservat is-socjeta` appellanti, meta wiehed jissottometti offerta huwa jinvolvi ruhu f'certu ammont ta' xoghol biex jaghmilha u jinkorri certa spiza finanzjarja partikolarment jekk, bhal fil-kaz odjern, huwa ikun obbligat li jhallas sabiex ikun jista' jigbor id-dokumenti biex ikun jista' jaghmel din l-offerta (ara klawsola 41.1 tas-sejha ghall-offerti a fol. 22 tal-process). Ma hemmx dubju li dan il-hlas innifsu biex tkun tista' issir l-offerta jikkrea certu obbligu da parti ta' min qed jitlob l-hlas, li fil-kors tan-negozjati jagixxi in buona fede u bid-diligenza ta' bonus paterfamilias. Tali sitwazzjoni taghti lok ghal drittijiet u obbligi reciproci bejn il-partijiet, pero` dawn id-drittijiet u obbligi huma ta' natura pre-kontrattwali (**John Alfred Pullen pro et noe v. Manfred Gunter Matysik noe et**, Qorti ta' l-Appell 26 ta' Novembru 1971; ara wkoll **Saviour Fiteni et v. Louis Mazzitelli et,** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 2 ta' Gunju 2003)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti hija sodisfatta li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik pre-kuntrattwali. Fil-kors tal-proċess tas-sejħa għall-offerti, proprju hekk kif l-attriċi tefgħet l-offerta tagħha, il-partijiet intrabtu bl-obbligu reċiproku li jinnegozjaw *in buona fede* u li ma jirtirawx min negozjati għal raġuni li ma tkunx tiswa fil-liġi jew *in mala fede*. L-attriċi għandha favur tagħha deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li sabet illi l-intimati mxew ħażin meta skwalifikawha u allura din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tfittex aktar sabiex issib jekk l-intimati għandhomx jinżammu responsabbli għad-danni pre-kuntrattwali li sofriet l-attriċi minħabba f'hekk.

L-intimati jeċċepixxu li huma ma jistgħux jinżammu responsabbli għad-danni għaliex dejjem aġixxew *in buona fede*. Id-Direttur intimat ikompli billi jgħid li sabiex wieħed jitlob danni mnissla minn responsabbilta pre-kuntrattwali, wieħed irid jipprova xi tip ta' dolo da parti tal-persuna li tkun waqqfet it-trattativi. Madanakollu, kif rajna, dan mhuwiex

neċessarjament dejjem minnu għaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Avukat Peter Fenech noe vs Dipartmiment tal-Kuntratti suċitat, l-obbligu tal-partijiet huwa '*illi ma jirtirawx min-negozjati għal raġuni li ma tkunx tiswa fil-liġi jew li tkun in mala fide*.' Fil-fehma tal-Qorti, l-aġir tal-intimati fil-każ tal-lum jaqa' proprju fl-ewwel kategorija.

L-intimati jeċċepixxu li huma ma mxewx ħażin meta għażlu li jipproċedu bil-kuntratt minkejja d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell għaliex ir-Regolament 85(5) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi kien jgħid li riferiment lill-Qorti tal-Appell m'għandux iżomm lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap tal-Awtorità kontraenti milli jimplimenta d-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni. Dan huwa minnu, imma ma jfissirx illi l-intimati ma jistgħux jinżammu responsabbli għad-danni ta' natura pre-kuntrattwali li rriżultaw minħabba li skwalifikaw lill-attriċi mingħajr raġuni tajba. Din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi l-intimati għaddew sabiex iffirmaw il-kuntratt finali mal-offerent magħżul minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

L-attriċi tgħid illi t-talba tagħha għad-danni hija bbażata wkoll fuq il-fatt illi l-intimati naqqsu milli jottemporaw ruħhom ma dak illi ordnat il-Qorti tal-Appell għaliex mhux talli ma ħarġux sejħa għall-offerti ġdida, imma talli komplew billi ffirmaw il-kuntratt finali ma' terzi. Madanakollu, dan kollu ma jfissirx li hemm lok għal responsabiltà akwiljana u in kwantu li ma ġie ffirmat l-ebda kuntratt, kif diġà ntqal, wieħed jista' biss jitkellem dwar responsabiltà pre-kuntrattwali. Il-Professur Torpiano stess jikkonċedi li '*kuntratt f'idejja qatt ma kelli.*'

L-intimati jeċċepixxu wkoll illi anke li kieku huma ħarġu sejħa għall-offerti ġdida, l-attriċi ma kellha l-ebda garanzija li kienet ser tingħata l-kuntratt hi. Dwar dan l-intimati għandhom raġun. Fil-każ *de quo*, dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u konsegwentement likwidazzjoni u ħlas ta' danni ma tista' qatt tkun ibbażata fuq it-telf ta' kuntratt li l-attriċi ma kellha l-ebda garanzija li ser jingħata lilha. L-attriċi ma ressqet l-ebda prova konklussiva li l-kuntratt kienet ser tieħdu hi.

Huwa għalhekk ukoll illi l-intimati sewwa jeċċepixxu li l-attriċi ma tistax tipprova li ġarrbet danni materjali u konkreti, lil hinn

minn dawk ta' natura pre-kuntrattwali, għaliex hija ma tistax turi li kieku ħarġet sejħa ġdida hija kienet ser tirbaħ il-kuntratt, u allura talba għal danni akwiljani jew kuntrattwali abbażi ta' kuntratt li qatt ma ġie ffirmat, żgur li ma treġix.

Sewwa jeċċepixxi wkoll id-Direttur intimat illi l-Qorti tal-Appell ma ordnatx illi l-kuntratt *de quo* jingħata lill-attriċi. L-attriċi ma tistax tibbaża t-talbiet tagħha fuq l-argument li kieku ma ġietx skwalifikata, il-kuntratt kien ser jingħata lilha. Kif jammetti l-Professur Torpiano stess, l-attriċi ma kellha l-ebda garanzija jew ċertezza li kienet ser tirbaħ hi. Fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi tinterpreta ħażin il-kliem ta' Dr Franco Agius għad-Direttur intimat. Li spjega dan ix-xhud hu, li f'każ li l-attriċi ma kellhiex xi difetti oħra fl-offerta tagħha, kienet ser tirbaħ hi. Madanakollu, huwa jkompli billi jgħid li l-evalwazzjoni tal-offerta tal-attriċi waqfet fl-ewwel stadju għaliex ġiet skwalifikata.

L-attriċi targumenta li l-każ tagħha huwa differenti minn dak ta' Pullen pro et noe vs Matysik et għaliex favuriha kien hemm obbligu li s-sejħa għall-offerti toħroġ mill-ġdid. Minkejja li dan huwa minnu, kif diġà ntqal, anke li kieku ħarġet sejħa għall-offerti ġdida, l-attriċi xorta waħda ma kellha l-ebda garanzija l-kuntratt kienet ser tieħdu hi u allura hija tista' tirriklama biss danni pre-kuntrattwali.

Isegwi għalhekk li in kwantu li f'dan il-każ m'hemmx lok għal ħtija akwiljana, mhijiex rilevanti l-eċċezzjoni tal-Kunsill intimat fis-sens li ma jistax jinżamm responsabbli għaliex skont l-artikolu 1030 tal-Kap. 16:

> "*Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għal ħsara li tiġri b'dan l-użu*."

Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tagħmel riferenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Philip Seguna et vs Kunsill Lokali Żebbuġ fejn il-Qorti ordnat lill-Kunsill Lokali intimat iħallas kumpens għall-kuntratt mitluf. Madanakollu, f'dak il-każ il-Qorti sabet illi r-responsabbiltà ma kienitx tan-natura pre-kontrattwali. Qalet hekk:

*"Din il-Qorti tara, pero`, li f'kaz ta' abuse of administrative discretion, kif inhu l-meritu ta' dan il-kaz, il-materja mhix wahda ta' pre-contractual liability, izda ta' abbuz ta' poter minn min ikollu funzjoni amministrattiva. Meta persuna tigi mcahhda minn kuntratt jew possediment iehor bi ksur tal-ligi minn korp jew ufficjal amministrattiv, dan ta' l-ahhar ikun responsabbli ta' delitt jew kwazi-delitt u jrid jirrispondi ghad-danni kollha reali li l-agir tieghu jkun ikkaguna. Ir-responsabbilita` pre-kuntrattwali topera meta tnejn min-nies jidhlu f'kuntratt dirett u f'negozjati ghal holqien ta' kuntratt, u wiehed minnhom iwaqqaf dawk il-kuntratti minghajr gustifikazzjoni. Is-sitwazzjoni hi differenti meta organu jew ufficjal munit b'poter amministrattiv u moghti diskrezzjoni fl-ezercizzju ta' dak il-poter, jagixxi b'mod abuziv bi "ksur" tal-poteri diskrezzjonali tieghu."*

Il-każ tal-lum huwa każ klassiku ta' responsabbilta pre-kuntrattwali u filfatt ma kien hemm l-ebda allegazzjoni ta' '*abuse of administrative discretion.'* Fl-imsemmi każ ta' Philip Seguna et irriżulta li"

*"dawn ic-cirkostanzi ma ghandhomx applikazzjoni, ghax mhux il-kaz fejn l-awtorita` governattiva jew lokali dahlet f'kuntratt dirett ma' l-atturi ghall-ghoti ta' kuntratt, liema kuntatti gew imwaqqfa minghajr gustifikazzjoni (kif kien allegat fil-kawza* ***Giuffrida v. Borg Olivier noe****", deciza minn din il-Qorti fil- 5 ta' Mejju, 1967), imma, kif inghad, kaz ta' abbuz ta' diskrezzjoni amministrattiva fl-ghoti ta' tender."*

Id-direttur intimat imbagħad ikompli billi jgħid li l-attriċi setgħet titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-intimati milli jiffirmaw il-kuntratt finali ma' terzi. Il-Qorti mhijiex konvinta minn dan l-argument tad-Direttur intimat. L-attriċi ma kellha l-ebda garanzija li talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kien ser ikollha eżitu favorevoli, dan speċjalment in vista ta' dak li ddikjaraw l-intimati stess fir-rikors tagħhom għas-sospensjoni tal-eżukuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u ċioè dwar il-preġudizzju li kienu ser isofru li kieku

kellu jieqaf kollox sakemm toħroġ is-sejħa għall-offerti mill-ġdid. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.
Id-Direttur intimat jeċċepixxi wkoll illi l-Qorti tal-Appell ma kellhiex il-vires legali sabiex tordna lill-Gvern joħroġ sejħa għall-offerti ġdida. Dwar dan, din il-Qorti tibda billi tgħid illi mhuwiex il-lok illi teżamina jew tgħaddi kumment dwar sentenza li llum għaddiet in ġudikat. B'żieda ma dan, il-Qorti tinnota li l-intimati ma għamlu l-ebda aċċenn għal dan l-argument fit-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tinnota wkoll illi d-deċiżjonijiet li jagħmel riferenza għalihom id-Direttur intimat sabiex isaħħaħ it-teżi tiegħu kienu dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u allura dak li ntqal f'dawk id-deċiżjonijiet ma kienx fil-kuntest ta' appell minn xi deċiżjoni li ħa l-Gvern.

Il-Kunsill intimat jeċċepixxi li l-intimati pproċedew billi ffirmaw il-kuntratt u komplew bil-proġett, li kien ta' importanza nazzjonali, għaliex intlaqa' r-rikors tagħhom għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Din il-Qorti tqis li l-Kunsill intimat għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu. Ladarba t-talba tagħhom ġiet milqugħa, u ladarba fir-rikors tagħhom huma għamluha ċara daqs il-kristall li fid-dawl tal-importanza nazzjonali tal-proġett, huma kienu ser ikomplu bil-proċess f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba tagħhom għas-sospensjoni, il-Qorti tal-Appell kellha stampa ċara tal-fatti u dwar kif kienu ser jipproċedu l-intimati. Madanakollu, mir-responsabbiltà tagħhom għad-danni pre-kuntrattwali li sofriet l-attriċi, l-intimati ma jistgħux jaħarbu bl-argument li kellhom il-barka tal-Qorti tal-Appell sabiex jiffirmaw il-kuntratt ma' terzi.

Stabbilit illi r-responsabbiltà tal-intimati hija dik pre-kuntrattwali, imiss issa li jiġu kkunsidrati d-danni li qiegħda titlob l-attriċi. Id-Direttur intimat jeċċepixxi li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-attriċi tista' titlob biss li titħallas għat-telf attwali u mhux ukoll kumpens minħabba telf ta' qligħ. L-intimat għandu raġun. Proprju kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ Avukat Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti suċitat:

> *"Il-kejl ta' dawn id-danni ma huwiex il-valur tal-kuntratt li ma seħħx, appuntu għax dak il-kuntratt ma seħħx u ma ħoloq ebda rabta, iżda dak li jissejjaħ l-"interess negativ", i.e. id-danni li l-parti l-oħra ma kinitx iġġarrab li kieku ma daħlitx fin-negozjati: l-ispejjeż li tkun daħlet fihom biex tagħmel jew tqis l-offerta u, possibilment, l-opportunitajiet mitlufa. Dan l-interess negativ ġie mfisser tajjeb ħafna fis-sentenza fuq imsemmija ta'* Pullen v. Matysik*:*
>
> *"the damages to which plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefitting from an obligation which never came into existence."*
>
> ....
>
> *Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom id-Dipartiment. Il-kejl tad-danni fil-każ ta' culpa in contrahendo huwa dak magħruf bħala "l-interess negativ", i.e. mhux dak li kien jikseb l-attur li kieku ngħata l-kuntratt, iżda dak li ma kienx jitlef li kieku ma ressaqx l-offerta."*

Għalhekk, it-talba tal-attriċi għal valur tal-kuntratt mhijiex mistħoqqa. Id-Direttur intimat għandu raġun ukoll meta fis-sottomissjonijiet tiegħu jirrimarka li t-tieni talba attriċi hija speċifikament għal valur tal-kuntratt li tgħid illi tilfet. Ma saret l-ebda talba għad-danni li sofriet sabiex ipparteċipat fis-sejħa għall-offerti u ċertament mhux għall-ebda danni morali. Isegwi għalhekk illi in kwantu li taħt il-kappa ta' danni pre-kuntrattwali l-attriċi m'għandhiex dritt għall-valur tal-kuntratt, u hija m'għamlitx talba sabiex tiġi kkumpensata għal dak li ma kinitx titlef li kieku ma ressqitx l-offerta tagħha, m'hemmx danni x'jiġu likwidati favuriha f'din il-kawża. Naturalment, jibqa' impreġudikat id-dritt tagħha li tressaq talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni f'azzjoni separata.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati in kwantu li din ġiet irtirata fil-mori tal-kawża:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament billi tgħid illi l-intimati huma responsabbli għad-danni pre-kuntrattwali li sofriet l-attriċi konsegwenza tan-nuqqas tal-intimati li jmexxu s-sejħa għall-offerti skont il-liġi u konsegwenza tal-fatt li l-intimati rrendew lilhom infushom fl-impossibilità li jesegwixxu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2012; tibqa' mpregudikata t-talba ghal likwidazzjoni u kundanna tal-istess danni.

2. Tiċħad it-tieni u tielet talbiet attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, spejjeż tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG